MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2010

Appell Kriminali Numru. 39/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka, fuq talba tal-Kontrollur Tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT, talli fil-31 ta’ Ottubru 2009 fuq il-bastiment MFV “Al Bassil 1” gewwa l-Port il-Kbir:

(1) xjentement kellu b’xi mod jaqsam filli bil-qerq jinharab jew jigi ttentat li jinharab id-dazji/taxxi dovuti billi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu l-oggetti hawn taht deskritti, kif ukoll naqas li jiddikjara l-istess oggetti lill-ufficjali tad-Dwana:

(a) kartuna b’200 sigarett kull kartuna – Marlboro Lights;
(b) 10 kartuniet b’200 sigarett kull kartuna u 5 pakketti b’20 sigarett kull pakkett Cleopatra;
(c) 11-il kartuna b’200 sigarett kull kartuna – L & M Blue Label;
(d) 50 kartuna b’20 sigarett kull kartuna – L & M Red Label;
(e) 150 kartuna b’200 sigarett kull kartuna – Rothmans Blue.

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta’ €1,290.50, dazju ta’ importazzjoni ta’ €743.33, dazju tas-sisa dovuta ta’ €5.096.59, kif ukoll taxxa fuq il-valur mizjud li tammonta ghal €1,283.47, liema taxxa fuq il-valur mizjud ma gietx imhallsa u/jew kawtelata;

(2) f’dawn il-Gzejjer, fit-30 ta’ Ottubru 2009, fil-kapacita` tieghu ta’ kaptan tal-bastiment MFV “Al Bassil 1”, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita` pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tas-sigaretti imsemmija kif ukoll tal-abstiment MFV “Al Bassil 1”.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imsemmi Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Jannar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmi Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu izda sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u, wara li rat l-artikoli 60, 62, 68 u 69 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet

ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 80 ta’ l-Att XXII tas-sena 1998 u l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannatu ghal multa komplessiva ta’ sitt elef hames mija disgha u tmenin euro u disgha u disghin centezmu (€6,589.99), b’dan illi terz mill-multa dovuta bhala dazju ta’ importazzjoni, allura €743.33 u terz mill-multa dovuta bhala taxxa fuq il-valur mizjud, allura €1,283.47, ghandhom jigu dikjarati bhala dejn civili. Inoltre, wara li rat l-*proviso* (a) ta’ l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, ikkundannat lill-imsemmi Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal sena skond l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Ordnat ukoll il-konfiska tal-lanca Al Basil 1 u tas-sigaretti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka pprezentat fil-11 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn gie liberat mit-tieni imputazzjoni u tirrevokaha f’dik il-parti fejn sabitu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni u fejn erogat il-piena msemmija nkluz il-konfiska ta’ l-oggetti u minflok tilliberah minn kull htija u piena;

Rat ir-rikors ta’ appell ipprezentat mill-Avukat Generali fis-17 ta’ Frar 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn sabet lill-imsemmi Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka hati ta’ l-ewwel imputazzjoni izda lliberatu mit-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghal piena karcerarja ta’ sitt xhur sospizi ghal sena u ordnat il-konfiska tal-lanca Al Bassil 1 kif ukoll tas-sigaretti, u tirrevokaha f’dik il-parti fejn ikkundannatu ghal multa komplessiva ta’ sitt elef hames mija disgha u tmenin euro u disgha u disghin centezmu (€6,589.99), b’dan illi terz mill-multa dovuta bhala dazju ta’ importazzjoni, allura €743.33, u terz mill-multa dovuta bhala taxxa fuq il-valur mizjud, allura €1,283.47, u minflok tinfliggi piena pekunjarja mill-gdid hekk kif dedott fir-rikors ta’ appell jew kull piena pekunjarja ohra fl-ammont skond il-ligi;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta ta’ l-10 ta’ Marzu 2010 id-difiza ssollevat in-nullita` tas-sentenza appellata peress illi ma gewx citati l-artikoli tal-ligi li dwarhom l-ewwel Qorti sabet lill-appellant Hemida Abdel Saleh Mohamed Hemida Elsaka (minn hawn ‘il quddiem imsejjah “l-appellant Elsaka”) hati.

Id-disposizzjoni rilevanti tal-ligi huwa l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

**“Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodici jew ta’ kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat.”**

Issa, fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti qalet li kienet qed issib htija dwar l-ewwel imputazzjoni u ghamlet referenza ghall-artikoli “60, 62, 68, 69 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-artikolu 80 ta’ l-Att Nru XXII/1998, u wkoll l-artikoli 16 u 17 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’ Malta”. Bizzejjed jinghad li l-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta’ Malta fih erbatax-il paragrafu u l-akkuza tirreferi biss ghal sitt paragrafi minnhom. Kull paragrafu jirreferi ghal fattispecji differenti ta’ reati u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha tiddikjara taht liema minn dawk il-paragrafi kienet qed issib htija. L-istess jista’ jinghad dwar is-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 16 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta’ Malta, li wkoll fih erbatax-il paragrafu filwaqt li l-akkuza tirreferi biss ghal paragrafu wiehed. Inoltre l-appellant Elsaka gie akkuzat fl-ewwel imputazzjoni li naqas li jiddikjara l-oggetti in kwistjoni lill-ufficjali tad-Dwana, riferenza cara din ghall-artikolu 6 tal-Kap. 37. Konsegwentement is-sentenza appellata tirrizulta difettuza minn wiehed mir-rekwiziti essenzjali kontemplati fl-artikolu 382 ghall-validita` ta’ sentenza. Dan ghalhekk irendi s-sentenza appellata nulla. Is-sentenza appellata qed tigi b’hekk dikjarata nulla u bla effett, hlief f’dik il-parti fejn iddikjarat li l-appellant ma kienx hati tat-tieni imputazzjoni u lliberatu minnha u, a tenur ta’

l-artikolu 428(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra tghaddi biex tiddeciedi l-kaz hi stess.

Din il-Qorti sejra l-ewwel tittratta l-appell ta' "l-appellant Elsaka". Huwa jghid illi l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija fih galadarba l-oggetti in kwistjoni ma kinux intizi biex jigu mportati Malta. Jghid li l-motivazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti huma neboluzi u ma ssirx distinzjoni bejn reat u iehor. Jghid li l-ewwel Qorti korrettement illiberatu mit-tieni imputazzjoni peress illi ma setghetx tqis li d-dikjarazzjoni falza kienet saret minnu. Stranament, ikompli jghid l-appellant Elsaka, fl-istess nifs sabitu hati li naqas li jiddikjara lill-ufficjali tad-Dwana s-sigaretti mertu ta' dan il-kaz. Iz-zewg reati huma konsegwenza ta' l-istess fatt.

L-appellant Elsaka jissottometti wkoll illi l-bastiment "Al Bassil 1" dahal Malta fit-30 ta'Ottubru 2009 izda huwa gie akkuzat li kkommetta r-reat li xjentement kellu x'jaqsam filli bil-qerq jinharab jew jigi ttentat li jinharab dazji/taxxi dovuti fil-31 ta' Ottubru 2009. Ir-reat ta' evazjoni ta' dazju huwa reat istantaneju u ghalhekk, jekk kellu jinstab hati, dan in-nuqqas sehh f'gurnata differenti minn dik indikata fl-imputazzjoni.

L-appellant josserva wkoll illi huwa dahal Malta minhabba hsarat u d-decizjoni li jidhol Malta ttiehdet minn wiehed mis-sidien tal-bastiment, certu Ahmed Arafa. L-appellant kien fi hsiebu jibqa' fuq il-bahar bejn xahrejn u nofs u tliet xhur. Il-fatt li l-appellant dahal Malta b'emergenza ma giex investigat, la mill-Pulizija u lanqas mid-Dwana. Huwa ressaq bhala prova tal-hsarat lill-inginier marittimu Joseph Amato, u dak li qal dan ix-xhud ma gie kontradett b'ebda mod.

L-appellant Elsaka jissokta jghid li huwa inkoncepibbli kif jista' jinstab hati ta' reati konnessi ma' evazjoni ta' dazju meta qatt ma kellu l-intenzjoni jizbarka l-oggetti li kien hemm fuq il-bastiment. Galadarba s-sigaretti kienu ntizi ghall-uzu esklussiv tal-*crew* u galadarba l-bastiment dahal Malta ghal ftit hin biex isewwi l-hsarat, ma kien hemm ebda obbligu li l-oggetti jigu dikjarati peress li l-oggetti ma kinux ser jigu zbarkati u wisq anqas impurtati. Huwa wkoll

f'dan is-sens li l-osservazzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, ikompli l-appellant Elsaka, fir-rigward ta' l-artikolu 6 ta' l-Ordinanza tad-Dwana huma barra minn posthom. Huwa ressaq kemm verbalment kif ukoll bil-miktub, sottomissjoni fis-sens li emergenza bhalma grat f'dan il-kaz ma kinitx koperta bid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza, u huwa l-bwon sens li ghandu jiddetta kif ghandhom jigu regolati certi cirkostanzi bhal dawk in dizamina. Dan huwa logiku peress illi l-legislatur ma jillegislax dwar sitwazzjoni ta' emergenza. Il-bwon sens zgur ma jiddettax li ufficjali tad-Dwana ghandhom jaghzlu u jisiltu oggetti minn fuq bastiment u jiddeciedu, minghajr prova ta' xejn, li dawk l-oggetti kienu intizi ghall-importazzjoni u li d-dazju fuqhom ma kienx thallas. L-artikoli 6 *et seq.* jaghtu indikazzjoni cara ta' x'inhuma d-doveri ta' kaptan ta' bastiment u setghet issir analogija mac-cirkostanzi ta' dan il-kaz. "Fi kliem iehor l-esponent kien qed jissottometti li jekk huwa naqas b'xi mod, in-nuqqas tieghu zgur li ma kienx ta' evazjoni ta' dazji u tar-reati l-ohra li gew lilu addebitati u kien ukoll f'dan is-sens li rrefera ghas-sanzjonijiet relattivi ghan-nuqqasijiet imsemmija f'dawn id-disposizzjonijiet. Ghalhekk l-esponent huwa sorpriz kif fis-sentenza appellata sar biss accenn fugaci ghal din id-disposizzjoni minnu indikata minghajr pero` referenza ghas-sottomissjoni tieghu fir-rigward."

L-appellant Elsaka izid jghid fl-ahharnett li "ma jistax ma jigix rilevat li l-agir ta' l-esponent fir-rigward tas-sigaretti kien kompletament kompatibbli mal-fatti kif irrizultaw u kif spjegati mid-difiza. L-esponent jispjega, fix-xiehda tieghu, li l-ewwel darba li gew l-ufficjali tad-Dwana kien biss erbgha u ghoxrin (24) siegha wara l-wasla tieghu hawn Malta bil-bastiment "Al Bassil 1". Dan qed jinghad peress li kieku s-sigaretti mertu tal-kawza kienu ntizi ghall-importazzjoni hawn Malta b'mod illegali dan zgur ma kienx jistenna dak iz-zmien kollu sabiex jehles minnhom. Issa a parti minn hekk l-esponent kellu l-hin ulterjuri sabiex jehles mis-sigaretti anke wara li gew l-ufficjali tad-Dwana u dan peress li ghaddew sieghat bejn l-ewwel u t-tieni darba li gew dawn l-ufficjali." Jghid ukoll illi l-fatti huma cari. "Irrizulta li l-bastiment "Al Bassil 1" dahal Malta minhabba l-istat ta' emergenza li kien jinsab fih. Irrizulta li

kien hemm ammont ta’ sigaretti stivati ma’ l-ikel ghall-uzu tal-*crew* tal-bastiment. Irrizulta li nonostante t-trapass ta’ iktar minn erbgha u ghoxrin (24) siegha l-esponent, jew del resto xi persuna ohra, ma ghamlu ebda tentattiv biex jizbarkaw dawn is-sigaretti. Ghalhekk wiehed jistaqsi ghaliex l-ufficjali tad-Dwana u tal-Pulizija ma qaghdux ghassa ma’ dan il-bastiment biex jaraw jekk il-kongetturi taghhom kinux ser javveraw ruhhom. Dan m’ghamluhx u nonostante li kien ovvju li dawk is-sigaretti kienu ntizi ghall-uzu personali tal-*crew* ta’ tmien persuni, xorta ddecidew li jarrestaw lill-esponent u jakkuzawh bir-reati premessi.” L-appellant Elsaka jikkonkludi li ghalhekk jinsab perpless mhux tant li l-Qorti tal-Magistrati skartat dak li kien ovvju, izda mill-fatt li fis-sentenza appellata dawn il-fatturi ma gewx minimament ikkunsidrati bhallikieku kienu merament periferali ghad-decizjoni finali.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba quddiem l-ewwel Qorti u waslet ghall-konkluzjoni li l-appellant ghandu ragun fuq bosta punti. Jinghad mill-ewwel u principalment li ma giex apprezzat bizzejjed mill-ewwel Qorti l-fatt li l-bastiment in kwistjoni kellu jidhol Malta mhux kapriccozament izda minhabba hsarat li zviluppaw f’dak il-bastiment. Dawn il-hsarat jirrizultaw abbondantement mis-*survey* li ghamel l-inginier marittimu Joseph Amato. Ir-rapport tieghu jispjega car u tond il-kondizzjoni pessima ta’ dan il-bastiment. Meta xehed qal li l-bastiment kellu ilma diehel mix-xaft, kellu kontaminazzjoni tad-*diesel* li kien f’riskju li jaqbad u t-tankijiet *collapsed*. Stqarr bla tlaqliq: *“He was lucky li ghamel il-port dan il-bastiment.”* U *“To put it bluntly, the ship is unsafe to go to sea.”* Ikkonferma wkoll li l-friza ma kinitx tahdem. Ic-cirkostanzi partikolari li fihom jidher li dahal Malta dan il-bastiment, cirkostanzi li ma jinsabux kontradetti, iwasslu lil din il-Qorti biex tikkonkludi li l-intenzjoni rikjesta biex tirrizulta l-ewwel imputazzjoni fis-sens li kien hemm l-intenzjoni qarrieqa biex jinharbu jew jigi ttentat li jinharbu xi taxxi jew dazji, ma gietx pruvata sodisfacentement mill-prosekuzzjoni. Difatti jidher, anke mix-xiehda ta’ l-istess appellant Elsaka, illi ma kien hemm l-ebda intenzjoni li jigi Malta bil-bastiment in kwistjoni sabiex jimporta s-sigaretti kontra l-ligi. Lanqas ma hemm

xi prova illi dawn is-sigaretti kienu se jigu zbarkati, ebda prova li l-appellant heba s-sigaretti. Dak li jirrizulta hu li tali sigaretti kienu in effetti jiffurmaw parti mix-*ship's stores* u li l-bastiment kien qieghed ibahhar ghal skopijiet ta' sajd u l-intenzjoni kienet li jdumu numru ta' xhur abbord. Dan kollu ma jistax jitqies imxejjen mic-cirkostanzi ta' kif instabu s-sigaretti, meta wiehed jikkunsidra li l-appellant ma jifhimx bil-Malti u li l-uniku mezz ta' komunikazzjoni kien permezz ta' sid il-bastiment (Ahmed Arafa) li gie ukoll investigat bhala suspettat u li sahansitra gie dikjarat bhala xhud ostili mill-prosekuzzjoni.

Issa l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellant Elsaka hati tat-tieni imputazzjoni li hi bazata fuq l-artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jipprovdi ghar-reat ta' min, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jaghti taghrif falz. Mela r-reat jigi kommess meta d-dikjarazzjoni jew stqarrija falza ssir f'dokument li hu mahsub ghal awtorita` pubblika. Id-dikjarazzjoni Dok. 17C a fol. 50 tal-process giet iffirmata minn terz, Angelic Mifsud, fuq informazzjoni allegatament moghtija mill-appellant tramite Ahmed Arafa. Din il-Qorti tghid allegatament peress illi Angelic Mifsud ma fehemx x'diskors intqal bejn l-appellant u Arafa, u l-pozizzjoni ta' Arafa bhala sid il-bastiment kienet wahda prekarja. Ghalhekk l-ewwel Qorti korrettement illiberat lill-appellant Elsaka mit-tieni imputazzjoni peress illi ma tirrizultax l-intenzjoni ta' l-appellant Elsaka li jaghmel stqarrija falza. Ciononostante, jibqa' l-fatt li s-sigaretti kellhom jigu dikjarati fir-rapport imsemmi fl-artikolu 6 tal-Kap. 37. Mill-gdid din il-Qorti tghid illi ma jirrizultax illi dan sar b'qerq min-naha ta' l-appellant Elsaka, izda teknikament ir-reat jissussisti. Ghalhekk hija applikabbli l-piena kontemplata fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 6 tal-Kap. 37 fil-konfront ta' l-appellant Elsaka. Peress illi ma giex akkuzat bi ksur tal-paragrafu (n) ta' l-artikolu 62, allura ma jistax jigi applikat ghall-kaz in ezami.

F'dawn ic-cirkostanzi m'hemmx lok li jigi kkunsidrat ulterjorment l-appell ta' l-Avukat Generali li jirrigwarda biss il-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara s-sentenza appellata nulla salv in kwantu ma sabitx lill-appellant Elsaka hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu u fi kwalunkwe kaz tikkonferma tali decizjoni, tittratta ma' l-appellant Elsaka mill-gdid dwar l-ewwel imputazzjoni billi tiddikjarah mhux hati li xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam filli bil-qerq jinharab jew jigi ttentat li jinharab id-dazji/taxxi
Dovuti, billi kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu s-sigaretti deskritti fl-akkuza u minn din il-parti ta' l-ewwel imputazzjoni tilliberah, izda ssibu hati talli naqas li jiddikjara l-istess oggetti lill-ufficjali tad-Dwana u, wara li rat l-artikolu 6 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah multa ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u tordna l-konfiska tas-sigaretti kollha esebiti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------